MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Talba Numru. 1973/2004

**Emanuel Ellul**

**Vs**

**Stephen Gera**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ elf tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm1,326.60c) rapprezentanti premia ta’ l-assigurazzjoni Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited ghal disa’ skadenzi konsekuttivi li kellhom jithallsu mill-istess attur sabiex il-polza ta’ assigurazzjoni tibqa’ fis-sehh.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut eccepixxa:

a) L-inkompetenza ta’ dan l-Onorabbli Tribunal *ratione materiae* u *ratione valoris* a tenur ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap. 380.

b) In-nuqqas ta’ integrita’ ta’ gudizzju stante illi hawn si tratta ta’ atti ta’ amministrazzjoni straordinarja u mart l-eccipjent ma gietx citata in gudizzju.

c) Illi l-eccipjent ma ta ebda mandat lill-attur u ma sar ebda ftehim ma’ l-attur sabiex dan ihallas il-premia *de quo agitur* u ghalhekk l-attur bl-allegat hlas minnu affettwat, fin-nuqqas ta’ konvenzjoni, ma dahalx fil-jeddijiet tal-kreditur, u dan a tenur ta’ l-Artikolu 1164 et seq tal-Kodici Civili.

d) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u mghaxijiet.

Ra d-dokumenti esebiti.

Illi l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi fl-ewwel eccezzjoni l-konvenut jeccepixxi l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal *ratione materiae* u *ratione valoris* a tenur ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap. 380.

Ra l-Artikolu 3 tal-Kap. 380.

It-talba attrici hi ghal elf tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm1,326.60c). Illi fil-mument tal-prezentata ta’ l-Avviz din hi t-talba ta’ l-attur. Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda. Illi m’hemm xejn x’jindika li t-Tribunal mhux kompetenti kif allegat mill-konvenut.

Illi fit-tieni eccezzjoni l-konvenut qal li:

*“Hawn si tratta ta’ atti ta’ amministrazzjoni straordinarja u mart l-eccipjent ma gietx citata in gudizzju.”*

It-Tribunal ghalhekk jordna l-kjamat in kawza ta’ mart il-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni u jiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghad-9 ta’ Mejju, 2005.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------